

**Brussell, 19 ta' Frar 2019
(OR. en)**

**6573/1/19
REV 1**

**AG 6
INST 45
PE 49
DATAPROTECT 54
JAI 154
CYBER 48
FREMP 25
RELEX 147
JAIEX 17
HYBRID 5
CULT 31
EDUC 73**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-Istati Membri dwar il-kisba ta' elezzjonijiet Ewropej liberi u ġusti
- Eżitu tal-proċedimenti

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-verżjoni finali tal-Konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, kif adottati mill-Kunsill fid-19 ta' Frar 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-Istati Membri dwar il-kisba ta' elezzjonijiet Ewropej liberi u ġusti

IL-KUNSILL U L-ISTATI MEMBRI, SKONT IL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM,¹,

I. Unjoni ta' valuri: il-ħarsien tad-demokrazija tagħna fl-era diġitali

1. FILWAQT LI JENFASIZZAW li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. It-Trattati jenfasizzaw ir-rwol ċentrali taċ-ċittadini fid-demokrazija Ewropea. Iċ-ċittadini Ewropej huma rrappreżentati direttament fil-livell tal-UE u eletti fil-Parlament Ewropew permezz ta' votazzjoni ħielsa u sigrieta.
2. FILWAQT LI JFAKKRU fl-importanza li tiżdied u tittejjeb saħansitra aktar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-UE kif espress fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE².
3. FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW li l-mezzi tax-xandir ħielsa, affidabbli u pluralistiċi jirfdu d-demokrazija effettiva u sana. Bl-istess mod, internet u pjattaformi online miftuħa, siguri u aċċessibbli jistgħu jiffaċilitaw demokrazija parteċipattiva, trasparenti u effettiva.
4. FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW li t-theddid għall-proċessi elettorali tagħna jistgħu jieħu diversi forom, inkluż it-theddid ibridu u ċibernetiku u d-diżinformazzjoni. Għaldaqstant huma meħtieġa approċċ komprensiv u olistiku, u azzjoni deċiżiva fil-għieda kontra dan it-theddid antagonistiku u sovversiv.
5. FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW il-ħtieġa li ċ-ċibersigurtà tiġi indirizzata b'approċċ koerenti fuq il-livell nazzjonali, tal-UE u dak globali³, u l-ħtieġa li tiżdied ir-reżiljenza tal-proċessi elettorali fl-UE u t-tħejjija tal-parteċipanti fid-dibattiti demokratiċi biex dawn jifilħu għat-theddid ċibernetiku, fid-dawl tal-fatt li l-organizzazzjoni u l-qafas legali tal-elezzjonijiet nazzjonali jaqgħu taħt il-kompetenza unika tal-Istati Membri u li fir-rigward tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 8 tal-Att Elettorali⁴, soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-proċedura elettorali għandha tiġi regolata f'kull Stat Membru permezz tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu.

¹ Wara li kkunsidraw b'mod partikolari l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 3 (6), 4 u 5 TUE.

² Adottati mill-Kunsill fit-3533 laqgħa tiegħu li saret fil-11 ta' Mejju 2017, 9080/17

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE, 14435/17

⁴ L-att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali (ĠU L 278, 8.10.1976, p.5)

6. FILWAQT LI JAGĦRFU li t-tixrid tad-diżinformazzjoni jgħib miegħu sfidi ġodda li għandhom impatt qawwi fuq il-proċess demokratiku. Jeħtieġ li l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-UE jindirizzaw dawn l-isfidi b'mod koordinat u f'kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali, skont il-każ.
7. FILWAQT LI JFAKKRU li l-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu biex tissawwar il-kuxjenza politika Ewropea u biex tiġi espressa r-rieda politika taċ-ċittadini tal-Unjoni, kif iddikjarat fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.
8. FILWAQT LI JISĦQU li d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni f'kull livell, pereżempju f'materji politiċi u ċiviċi, u d-dritt għal-libertà ta' espressjoni, li jinkludi l-libertà ta' opinjoni u l-libertà li persuna tirċievi jew tagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtoritajiet pubbliċi u indipendentement mill-fruntieri, huma drittijiet fundamentali ta' kull ċittadin tal-Unjoni.
9. FILWAQT LI JFAKKRU fl-importanza li tiġi ggarantita għaċ-ċittadini sfera pubblika miftuħa u li jkunu żgurati kondizzjonijiet ekwi għall-kampanji politiċi u l-proċessi elettorali li ċ-ċittadini jistgħu jafdaw.
10. FILWAQT LI JILQGĦU l-miżuri u r-rakkomandazzjonijiet ippreżentati mill-Kummissjoni fit-12 ta' Settembru 2018 fil-pakkett tagħha dwar l-elezzjonijiet, kif ukoll l-azzjonijiet deskritti fil-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni (aktar 'il quddiem imsemmi "il-Pjan ta' Azzjoni ") għall-kisba ta' elezzjonijiet Ewropej liberi u ġusti.
11. FILWAQT LI JILQGĦU l-ftehim proviżorju dwar il-proposta legiſlattiva biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn partiti politiċi Ewropej jew fondazzjonijiet assoċjati jieħdu vantaġġ mill-ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data bil-ħsieb li deliberatament jinfluwenzaw jew jippruvaw jinfluwenzaw l-eżitu tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u filwaqt li jinnotaw il-ħtieġa għall-adozzjoni rapida tiegħu.

II. L-iżvilupp ta' rispons Ewropew għall-kisba ta' elezzjonijiet Ewropej liberi u ġusti - sejħa għal titjib fis-sinerġiji

12. FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW li kooperazzjoni fl-UE kollha u approċċ komprensiv huma passi meħtieġa biex ikunu żgurati s-sigurtà u l-leġittimità elettorali – kemm f'termini ta' fiduċja pubblika kif ukoll ta' proċeduri legali – tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019, li rriżulta li l-perijodi tal-elezzjoni huma partikolarment strateġiċi u sensitivi għall-evitar ta' salvagwardji konvenzjonali u li kwalunkwe theddid, inkluż dak li ġej minn ċiberattakki, diżinformazzjoni u attivitajiet sovversivi jew malizzjużi oħra, irid ikun rifless fil-ġestjoni tar-riskji marbuta mal-elezzjonijiet.
13. FILWAQT LI JISĦQU li hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jiġu protetti l-Unjoni u l-Istati Membri, il-korpi u l-politiki tagħhom minn kampanji ta' diżinformazzjoni mmirati li x'aktarx jiżdiedu fiż-żmien ta' qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019.
14. FILWAQT LI JAGĦRFU li s-sorsi u l-fenomeni ta' diżinformazzjoni jistgħu jiġu identifikati fl-Unjoni u barra minnha u joriġinaw minn firxa ta' atturi statali u mhux statali. F'dan ir-rigward, l-isforzi għandu jkollhom fil-mira l-atturi malizzjużi, partikolarment is-sorsi Russi kif stipulat fil-Pjan ta' Azzjoni, li kulma jmur qed jużaw aktar strateġiji ta' diżinformazzjoni. L-analiżi tat-theddid u l-valutazzjonijiet tal-intelligence għandhom jiggwidaw l-azzjoni kontra d-diżinformazzjoni.
15. FILWAQT LI JENFASIZZAW l-importanza li jiġu stabbiliti u appoġġati networks nazzjonali ta' kooperazzjoni fil-qasam elettorali, biex ikun jista' jinkixef malajr theddid għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u għall-kondiviżjoni rapida, effikaċi u sikura ta' informazzjoni, b'rispett sħiħ għar-reqwiziti dwar il-protezzjoni tad-data, bejn l-awtoritajiet b'kompetenzi f'materji elettorali u l-awtoritajiet li jaħdmu f'oqsma relatati.
16. FILWAQT LI JILQGĦU l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri billi toħloq netwerk Ewropew ta' kooperazzjoni fil-qasam elettorali, li kellu l-ewwel laqgħa tiegħu fil-21 ta' Jannar 2019, minħabba li dan jipprovdi forum għall-iskambju ta' informazzjoni u prattiċi fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019.
17. JISTIEDNU lill-Kummissjoni biex tlaqqa' n-netwerk Ewropew ta' kooperazzjoni fil-qasam elettorali regolarment, partikolarment biex b'mod komprensiv jiġġieled kontra l-kampanji ta' diżinformazzjoni u interferenzi oħrajn fl-elezzjonijiet li ġejjin tal-Parlament Ewropew, jibni sinerġiji u jaqsam l-għarfien espert u prattiki nazzjonali tajba, inkluż billi b'mod konġunt jiġu identifikati theddid u lakuni.

18. JAPPELLAW lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex f'ħin debitu jsarrfu f'riżultati l-intenzjoni tagħhom li jstabbilixxu s-Sistema ta' Twissija Rapida, kif imsemmi fil-Pjan ta' Azzjoni. Fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019, din tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għas-Sistema ta' Twissija Rapida. Dawn il-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom jikkooperaw mill-qrib man-netwerks nazzjonali fil-qasam elettorali fil-livell adatt fejn id-diżinformazzjoni tikkonċerna l-elezzjonijiet. Barra minn hekk, l-eżitu tal-ħidma tas-Sistema ta' Twissija Rapida għandu jiġi kondiviż man-netwerk Ewropew ta' kooperazzjoni fil-qasam elettorali.
19. JISTIENDU lill-Kummissjoni biex, fir-Rapport tagħha dwar l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019, tagħti attenzjoni partikolari, abbażi tal-kontributi pprovduti mill-Istati Membri u minn atturi rilevanti oħra, lill-istat ta' tħejjija u r-reżiljenza biex tiġi affrontata l-interferenza fl-elezzjonijiet.
20. JISTIENDU lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu ulterjorment il-komunikazzjoni strateġika tagħhom dwar il-valuri u l-politiki Ewropej, sabiex jikkonsolidaw il-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fl-Unjoni u fl-istituzzjonijiet tagħha, u jinvolvuhom fil-proċess demokratiku.

III. It-tisħiħ tar-reżiljenza u tal-ħsieb kritiku taċ-ċittadini

21. FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW li, fi sfond ta' xenarji medjatiċi frammentati u t-theddid għas-sigurtà nazzjonali, il-media professjonali għandha rwol ewlieni fil-ġbir, il-verifika, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni u għaldaqstant hija indispensabbli għad-diskors pubbliku. F'dan il-kuntest, l-informaturi għandhom ir-rwol importanti li jgħinu lill-ġurnalisti u lill-istampa indipendenti fil-ħidma tagħhom. Barra minn hekk, jibqa' essenzjali r-rwol tal-media tas-servizz pubbliku indipendenti fis-salvagwardja tad-demokrazija, il-pluraliżmu, il-koeżjoni soċjali u d-diversità kulturali u lingwistika. Barra minn hekk, bosta atturi tal-media privata jipprovdu kontenut li huwa wkoll fl-interess pubbliku.⁵
22. FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW l-importanza ta' kwalità għolja tal-edukazzjoni ġenerali fl-Unjoni kollha, u b'mod partikolari l-importanza ta' litteriżmu diġitali medjatiku. Dan jiġi jgħin liċ-ċittadini biex jevalwaw il-flussi ta' informazzjoni mill-media online, min-netwerks soċjali u minn sorsi simili u biex jiffurmaw l-opinjoni proprja tagħhom b'mod partikolari fir-rwol tagħhom bħala votanti. Filwaqt li jenfasizzaw, f'dan ir-rigward, ir-rilevanza tal-Ġimgħa ddedikata għal-Litteriżmu fil-Media bejn it-18 u t-22 ta' Marzu 2019.

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali 14986/18

23. JAPPELLAW lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri biex isaħħu l-ekosistema tal-media Ewropea sabiex jiġu żgurati l-produzzjoni sostenibbli u l-viżibbiltà tal-ġurnaliżmu indipendenti u professjonali bħala mod kif tingħata s-setgħa liċ-ċittadini, tiġi protetta d-demokrazija u jiġi miġġieled b'mod effettiv it-tixrid tad-diżinformazzjoni.⁶
24. JISTIEDNU lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu u jappoġġaw il-media u l-litteriżmu diġitali sabiex jiżviluppaw ulterjorment approċċ kritiku fost iċ-ċittadini fir-rigward tal-kontenut tal-media li jitqassam jew jiġi promoss⁷. Dan jista' jinkludi linji gwida għaċ-ċittadini biex jagħrfu u jevitaw diżinformazzjoni, kampanji mmirati biex iqajmu kuxjenza dwar l-effetti negattivi tad-diżinformazzjoni, appoġġ għal skambji transkonfinali tal-aħjar prattiki fost il-prattikanti tal-litteriżmu fil-media kif ukoll l-iżvilupp ta' għodda prattika għall-promozzjoni tal-litteriżmu fil-media għall-pubbliku.⁸
25. JAPPELLAW lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni ma' atturi mis-settur privat u mis-settur pubbliku, inkluż il-media, il-pjattaformi online, il-fornituri ta' teknoloġija tal-informazzjoni u s-soċjetà ċivili, jippromwovu attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni bil-għan li tiġi protetta l-integrità tal-proċess elettorali.
26. JAPPELLAW lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-istrutturi kompetenti kollha biex tiġi skoperta, analizzata u esposta d-diżinformazzjoni mmirata lejn l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. F'dan il-kuntest, JISTIEDNU lill-Kummissjoni biex taħdem mal-awtoritajiet tal-Istati Membri f'konformità il-Pjan ta' Azzjoni biex tiffaċilita l-istabbiliment ta' netwerk ta' verifikaturi tal-fatti u riċerkaturi akkademiċi multidixxiplinari u indipendenti biex jiskopru u jikxfu d-diżinformazzjoni fin-netwerks soċjali u l-media diġitali differenti kollha.

⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali 14986/18

⁷ Inkluż kif imniżżel fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja.

⁸ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali 14986/18; Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2016 dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

IV. Il-protezzjoni tad-data u s-sistemi tagħna: l-iżgurar tal-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) u t-tisħiħ taċ-ċibersigurtà għall-Elezzjonijiet Ewropej

27. FILWAQT LI JFAKKRU fl-obbligu li jiġu rispettati r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data anki meta d-data personali tkun qed tiġi pproċessata f'kuntatt elettorali, fil-kompetenza speċifika tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data li jissorveljaw u jinfurjaw dawn ir-regoli, u filwaqt li jilqgħu l-linji gwida tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-gwida provduta mill-Kummissjoni biex tappoġġa tali konformità mill-atturi kollha involuti.
28. KONXJI li l-awtoritajiet nazzjonali b'kompetenza f'materji elettorali, inklużi l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data, jeħtieġu riżorsi adegwati, inkluż tagħmir tekniku u persunal imħarreġ, biex jirreżistu inċidenti u attakki ċibernetiċi, u biex jinfurjaw l-leġislazzjoni applikabbli.
29. FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW, b'kunsiderazzjoni għall-ftehim proviżorju msemmi fil-paragrafu 11, l-importanza li l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, jinfurmaw minnufih u b'mod proattiv lill-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u għall-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej bid-deċiżjonijiet tagħhom li jsibu li persuna fiżika jew ġuridika tkun kisret ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali meta jirriżulta minn dik id-deċiżjoni, jew meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli oħra li jindikaw li l-ksur huwa marbut mal-attivitajiet politiċi ta' partit politiku Ewropew jew ta' fondazzjoni politika Ewropea bil-ħsieb li jinfluwenzaw l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew - ladarba, f'dan ir-rigward, l-Awtorità tista' taġixxi biss jekk tkun infurmata b'deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti għall-protezzjoni tad-data li tistabbilixxi tali ksur.
30. JAPPELLAW lill-Istati Membri biex jivvalutaw it-theddid ċibernetiku fil-kuntatt elettorali, biex jipprevedu miżuri adatti biex jindirizzawhom u biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jippreservaw l-integrità tas-sistemi u l-infrastruttura elettorali tagħhom bħal pereżempju billi jittestjawhom bi tħejjija għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. F'dan ir-rigward, eżerċizzju ta' simulazzjoni fil-livell tal-UE jista' jkun test rilevanti. L-Istati Membri jistgħu jqisu l-Kompendju dwar iċ-Ċibersigurtà tat-Teknoloġija Elettorali żviluppat mill-Grupp ta' Kooperazzjoni NIS stabbilit bid-Direttiva (UE) 2016/1148.

V. L-Inkoraġġiment ta' trasparenza, responsabbiltà u integrità online akbar

31. FILWAQT LI JIRRIKONOXU, skont ir-regoli applikabbli, il-ħtieġa li titrawwem u tiġi ffaċilitata t-trasparenza tar-reklami u l-komunikazzjonijiet politiċi online bi ħlas inkluż dwar il-fini ta' reklamar tagħhom, il-metodi ta' kif jiġu mmirati lejn iċ-ċittadini, u l-finanzjament tagħhom.
32. FILWAQT LI JENFASIZZAW il-ħtieġa li titkompla l-kooperazzjoni mal-pjattaformi tal-media soċjali sabiex jevalwaw jekk il-mekkaniżmi ta' awtoregolamentazzjoni volontarji humiex adegwati u suffiċjenti biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u biex tiġi indirizzata b'mod effettiv l-isfida tad-diżinformazzjoni online.
33. JAPPELLAW LILL-Istati Membri u lill-pjattaformi online biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom, biex jipromwovu t-trasparenza tal-attivitajiet online relatati mal-elezzjoni. Filwaqt li jilqgħu l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika, JAPPELLAW lill-pjattaformi online biex jinvestu r-riżorsi meħtieġa biex jittrattaw l-attivitajiet online relatati mal-elezzjoni b'mod responsabbli, ġustifikabbli u konsistenti, inkluż billi jiżguraw it-trasparenza u r-responsabbiltà fir-rigward tal-ipproċessar tad-data u l-analiżi tad-data għal finijiet politiċi; jidentifikaw u jeliminaw il-bots li jintużaw għal finijiet ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni; jeliminaw id-distorsjonijiet algoritmiċi li jipromwovu d-diżinformazzjoni u jiżvijaw id-dibattitu pubbliku; ineħħu l-kontenut illegali online; u jipprovdu aċċess għad-data għall-finijiet ta' riċerka mmirata lejn l-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet rilevanti, filwaqt li jiżguraw il-libertà tal-media u li ma jitneħħew l-ebda riklami minħabba kunsiderazzjonijiet politiċi, f'konformità sħiħa mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.
34. JISTIEDNU lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA) u ma' atturi rilevanti oħra, tkompli l-monitoraġġ sistematiku tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni u tinforma regolarment lill-Kunsill u lill-Istati Membri bis-sejbiet tagħha, speċjalment bil-ħsieb tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019.⁹

⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiġid tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali 14986/18

VI. Il-ġlieda kontra t-theddid ċibernetiku u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni esterna f'materji elettorali

35. FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-komunikazzjoni pubblika u s-sensibilizzazzjoni jistgħu jtaffu l-effetti negattivi tad-diżinformazzjoni, ta' theddid ibridu u ta' attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi u jista' jkollhom effett ta' deterrent fuq l-awturi potenzjali.
36. FILWAQT LI JAGĦRFU l-ħtieġa li jiġu implimentati b'mod sħiħ il-miżuri previsti fil-Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Attivitajiet Ċibernetiċi Malizzjużi sabiex, meta jkun meħtieġ, jiġu prevenuti u mfixkla attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi fuq livell strateġiku u jkun hemm rispons għalihom.
37. FILWAQT LI JAGĦRFU l-ħtieġa li jkun hemm dialogu bejn l-esperti internazzjonali rilevanti biex jiskambjaw l-aħjar prattiki għal sistemi elettorali reżiljenti.
38. JISTIEDNU lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli, b'mod kumplimentari għall-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni eżistenti, biex jesploraw opzjonijiet għal aktar kooperazzjoni mal-atturi internazzjonali rilevanti, bħall-G7 jew in-NATO, fejn ikun il-każ u b'rispett sħiħ għall-qafas istituzzjonali tal-UE.

